# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 29

Il-Ħamis 18 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* (bħala kontinwazzjoni tal-laqgħa numru 28/2021-8) nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa, li kienet qed tixxandar ukoll *live* fuq il-*website* tal-Kunsill, saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

## 29.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

29.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija.

## 29.2 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

29.2.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru Għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar bi proposta sabiex il-Kunsill Lokali Il-Munxar jieħu sehem fi proġett pilota biex fix-Xlendi jsir *Smart Waste Depot* għall-iskart kummerċjali li jkun sorvejljat 24 siegħa kuljum b’aċċess u monitoraġġ tal-informazzjoni b’technoloġija diġitali u innovattiva. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil li l-Kunsill jipparteċipa għal dan il-proġett pilota u jitlob li ssir laqgħa bejn il-partijiet sabiex jiġi diskuss f’aktar dettall il-finanzjament tal-proġett u l-ġbir tal-imsemmi skart kummerċjali f’qafas legali.

29.2.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Green MT sabiex tinforma lill-Kunsill li fl-iskart riċiklabbli li qed jinġabar qed ikun hemm ammont ta’ skart kontaminat. Green MT qed tavża li meta jkun hemm skart kontaminat, dan mhux ser jinġabar u ser jitwaħħal avviż mal-borża l-griża. Green MT fil-korrispondenza tagħha kitbet ukoll lista ta’ affarijiet li jistgħu jintremew fil-borża l-griża. Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil issuġġerixxa sabiex jinħareġ avviż b’din l-informazzjoni li jitqassam f’kull residenza. Kien hemm qbil dwar dan.

29.2.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta b’risposta dwar it-talba li kienet ressqet fil-Kunsill biex issir bankina ġdida fi Triq ir-Rumani. Il-Perit ta’ Transport Malta qalet li fl-opinjoni tagħha, ġaladarba l-proprjeta’ qiegħda ‘l barra mill-allinjament uffiċċjali tat-triq, mhux prattiku li ssir bankina ġdida. Il-Kunsill innota l-kontenut u s-Sindku saħaq sabiex l-applikant jiġi nfurmat b’din it-tweġiba.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

29.2.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta b'konferma sabiex tiġi nstallata tabella 'Cul de Sac' fi Triq is-Sienja fix-Xlendi minflok dik li hemm preżentament. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza oħra mingħand Transport Malta li kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar applikazzjoni għal *disabled parking bay* fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fil-Munxar. Transport Malta tennew li fl-applikazzjoni stess hemm miktub li min għandu garaxx mhux intitolat għal dan il-parkeġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex bi tnedija ta' skema ta' għajnuna finanzjarja għall-inizjattivi kulturali fil-lokalitajiet f'Għawdex. Is-Sindku saħaq li kull opportunita' ta' għajnuna finanzjarja l-Kunsill għandu japplika. Huwa qal li ser jiċċekja fid-dettall il-kundizzjonijiet tal-iskema u ppropona, sakemm ikun permissibli mill-iskema, sabiex issir ġita' kulturali barra minn Malta għar-residenti. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

29.2.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex bi tnedija ta' skema ta' għajnuna finanzjarja għall-inizjattivi ambjentali fil-lokalitajiet f'Għawdex. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ser ikun qed jimplimenta proġett ambjentali fil-qalba tal-lokalita', dak tar-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, liema proġett ser ikun iffinanzjat mill-Ministeru Għal Għawdex iżda l-ispejjeż marbuta max-xogħol tal-professjonisti mhux ser ikunu ffinanzjati mill-Ministeru Għal Għawdex. Għalhekk is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema tar-Reġjun biex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż tal-Perit u/jew l-Inġinier waqt l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

29.2.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Aġenzija LESA bi skema ta' għajnuna finanzjarja sa 80% tal-proġett biex isiru proġetti jew inizjattivi intiżi sabiex ikomplu jiġu riġenerati l-lokalitajiet, b'riżultat tanġibbli, għall-ġid taċ-ċittadini. Is-Sindku qal li ser jiċċekja fid-dettall il-kundizzjonijiet tal-iskema u filkaż issir applikazzjoni biex tiġi riġenerata d-daħla tar-raħal fi Triq Santa Dminka fil-Munxar u/jew ir-restawr tal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li f'din l-iskema l-Kunsill irid jiffinanzja 20% tal-proġett.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

29.2.9

Il-Kunsill irċieva komunikat mingħand Transport Malta li l-parkeġġ riżervat fi Triq il-Kantra fix-Xlendi ġie approvat. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.10

Il-Kunsill irċieva rapport mingħand Transport Malta li ġiet sottomessa applikazzjoni biex isir parkeġġ riżervat fi Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, ġie deċiż li ssir laqgħa fuq il-post ma' uffiċċjali minn Transport Malta biex jiġi determinat il-post
29.2.11 fejn isir.

Il-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol ta' rilokazzjoni tas-siġar tal-pjazza sabiex il-*bus shelter* li hemm ħdejn siġra minnhom tinqala' sakemm isir ix-xogħol u terġa' titwaħħal wara biex ma ġġarrabx ħsara waqt ix-xogħlijiet. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan ix-xogħol addizzjonali ta' qlugħ u twaħħil mill-ġdid tal-*bus shelter*, kif ukoll dwar it-tneħħija ta' materjal li
29.2.12 nqala' konsegwenza tal-qlugħ tas-siġar.

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Moviment Kerygma b'informazzjoni dwar l-applikazzjoni għall-Premju Żagħżugħ tas-sena
29.2.13 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

MIEMA – Patt għall-Agribiodiversita' għal Għawdex – Stedina lill-
29.2.14 Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Ċirkulari Nru AKL 2021/012 – MCAST free language courses. Il-Kunsill
29.2.15 innota l-kontenut.

Ċirkulari Nru AKL 2021/013 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 42. Il-
29.2.16 Kunsill innota l-kontenut.

Ċirkulari Nru AKL 2021/014 – Group Life Policy. Il-Kunsill innota l-
29.2.17 kontenut.

Ċirkulari Nru AKL 2021/015 – Webinar – Indafa Pubblika 24/02/2021.
29.2.18 Il-Kunsill innota l-kontenut.

Ċirkulari Nru AKL 2021/016 – EUCF Webinar – It-Tieni Sejħa
29.2.19 07042021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

29.2.20 Ċirkulari Nru AKL 2021/017 – Kollaborazzjoni bejn Kunsilli Reġjonali/Kunsilli Lokali u Eko Skola. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.21 Ċirkulari Nru AKL 2021/018 – CoR – Tnedija tal-programm YEP 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.22 Ċirkulari Nru AKL 2021/019 – Webinar AKL – Better Local Environment for Better Living 10/03/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.23 Ċirkulari Nru AKL 2021/020 – Webinar – Supporting Children & Youths within our localities 25/03/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.24 Ċirkulari Nru AKL 2021/021 – Sessjonijiet ta' taħriġ organizzati mill-AKL. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.25 Ċirkulari Nru AKL 2021/022 – Preżentazzjoni Zoono – Webinar Indafa Pubblika. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.26 Ċirkulari Nru AKL 2021/023 – UKNSF. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.27 Ċirkulari Nru AKL 2021/024 – Online Team Building Event 03/04/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.28 Ċirkulari Nru AKL 2021/025 – Mental First Aid. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.2.29 Ilment 14/2021
Titlob sabiex bankina ssir rampa quddiem il-garaxx tagħha fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan jekk huwa l-każ.

29.2.30 Ilment 15/2021
Titlob sabiex titneħħa ħotba tal-konkos li tinsab fi Triq Żgħawri fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill dwar dan.

Ilment 16/2021
Il-Pulizija qed jitolbu sabiex titbaxxa l-bankina quddiem il-garaxx tal-binja tal-Kunsill minħabba li qed iġarrbu ħsarat fil-qiegħ tal-karozzi meta jiġu biex iniżżluhom ġol-garaxx. Kien hemm qbil mill-membri

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

**29.3** dwar dan wara li jittieħed il-parir tal-Perit tal-Kunsill.

29.3.1

Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 29/2021-8 għall-perjodu bejn is-6 ta' Frar 2021 u t-18 ta' Marzu 2021 li tammonta għal €33,083.39 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil kienet il-proponent filwaqt li l-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis s-sekondant.

**29.4**

26.4.1

Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 22 t'April 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR